

Brussell, 14 ta' Jannar 2026
(OR. en)

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/3500(APP)**

**5302/1/26
REV 1**

**ECOFIN 31
RELEX 29
CADREFIN 15
FIN 33
EIB
*ECB***

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	14 ta' Jannar 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 21 final
Suġġett:	Proposta emendata għal REGOLAMENTO TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 21 final.

Mehmuż: COM(2026) 21 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.1.2026
COM(2026) 21 final

2025/3500 (APP)

Proposta emendata għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Din il-proposta għal emenda tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093¹ hija ppreżentata flimkien mal-proposta għal Regolament li jistabbilixxi s-Self ta' Appoġġ għall-Ukrajna-u li jemenda r-Regolament (UE) 2024/792 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Ukrajna².

Wara l-invażjoni Russa mhux provokata u mhux ġustifikata tal-Ukrajna, l-Unjoni pprovdiet appoġġ sostanzjali lill-Ukrajna permezz ta' sensiela ta' miżuri finanzjarji. L-Ukrajna se teħtieġ assistenza kontinwa, li jenħtieġ li tingħata skont ir-Regolament il-ġdid propost li jistabbilixxi s-Self ta' Appoġġ għall-Ukrajna.

L-emenda tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 se testendi l-garanzija baġitarja attwalment applikata, bħala regola, għal self lill-Ukrajna taħt l-istrument tal-AMF+,³ il-Faċilità għall-Ukrajna⁴ u l-AMF lill-Ukrajna taħt il-Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni ta' Self għall-Ukrajna⁵ biex tkopri wkoll l-assistenza finanzjarja lill-Ukrajna skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Jenħtieġ li dik il-garanzija tiżgura li r-riżorsi meħtieġa jkunu dejjem disponibbli fil-ħin sabiex l-Unjoni tkun tista' tissodisfa l-obbligi finanzjarji kollha tagħha lejn il-kredituri tagħha. Għaldaqstant, jekk l-Unjoni jkollha tonora l-obbligi ta' ripagament mir-riżorsi tal-baġit tal-Unjoni - ~~fil~~każ li Stat benefiċjarju jonqos milli jipprovidi l-pagament dovut fil-ħin - l-ammonti meħtieġa jiġu mobilizzati lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP sal-limiti massimi tar-riżorsi proprji (mill-hekk imsejjaħ "marġni ta' manuvra").

Il-kopertura baġitarja mill-marġni ta' manuvra jenħtieġ li tapplika għall-assistenza finanzjarja fil-forma ta' self lill-Ukrajna ta' ammont ta' EUR 90 000 000 000 li għandu jiġi implimentat f'kooperazzjoni msaħħa.

L-appoġġ ta' self għall-Ukrajna

Sabiex jipprovidi appoġġ konċessjonali lill-Ukrajna u jevita li jżid pressjonijiet fuq il-finanzi pubbliċi tal-Ukrajna, il-baġit tal-Unjoni se jkopri l-kostijiet li jirriżultaw mis-self għal self billi jipprovidi sussidju għall-kostijiet tat-teħid b'self. Dawn il-kostijiet jinkludu l-kostijiet tas-servizz tad-dejn (il-kost tal-finanzjament u l-kostijiet tal-ħruġ u l-ġestjoni tal-likwidità) u l-kostijiet amministrattivi assoċjati. Il-kostijiet tas-servizz tad-dejn se jiġu ffinanzjati taħt istrument speċjali tematiku ġdid, l-Istrument ta' Self għall-Ukrajna, lil hinn mil-limiti massimi

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027, *ĠU L 433I*, 22.12.2020, p. 11.

² Ir-Regolament (UE) XXX/XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' XXX dwar l-istabbiliment tas-Self b'Rikors Limitat għall-Ukrajna (ĠU XXX).

³ Ir-Regolament (UE) 2022/2463 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 li jistabbilixxi strument għall-għoti ta' appoġġ lill-Ukrajna għall-2023 (assistenza makrofinanzjarja +) (ĠU L 322, 16.12.2022, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2463/oj>).

⁴ Ir-Regolament (UE) 2024/792 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2024 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Ukrajna (ĠU L, 2024/792, 29.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/792/oj>).

⁵ Ir-Regolament (UE) 2022/2463 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 li jistabbilixxi strument għall-għoti ta' appoġġ lill-Ukrajna għall-2023 (assistenza makrofinanzjarja +) (ĠU L 322, 16.12.2022, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2463/oj>).

tal-QFP. Meta jiġi mobilizzat l-Istrument ta' Self għall-Ukrajna fil-qafas tal-proċedura baġitarja, se jiġu kkunsidrati d-disponibbiltajiet baġitarji fi strumenti speċjali oħra, ir-regoli settorjali applikabbli, kwalunkwe obbligu legali jew obbligu ieħor inkluż taħt l-Istrument EURI, il-prijoritajiet, l-ibbaġitjar prudenti u l-ġestjoni finanzjarja tajba.

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi legali

L-Artikolu 312 tat-TFUE jikkostitwixxi l-bażi legali għall-adozzjoni tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali.

• Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

L-inizjattiva taqa' fl-ambitu ta' qasam ta' politika fejn l-UE għandha setgħat esklużivi (skont l-Artikolu 312 TFUE). Għalhekk, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

• Proporzjonalità

Il-bidliet huma proporzjonati għall-ħtieġa urġenti li jiġi stabbilit strument li jipprovdi appoġġ lill-Ukrajna, li jista' jiġi implimentat biss ladarba tkun ġiet stabbilita l-kopertura baġitarja għas-self lill-Ukrajna.

• Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta

Kapitolu I – dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 2 – Konformità mal-limiti massimi tal-QFP

Skont id-dispożizzjonijiet eżistenti tal-Artikolu 2(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 l-ammonti meħtieġa biex jiġu onorati l-obbligi ta' ripagament tal-Unjoni taħt operazzjonijiet ta' għoti u teħid b'self f'każ li l-Unjoni ma tirċevix mill-istat benefiċjarju l-pagament dovut fil-ħin (jiġifieri l-mobilizzazzjoni ta' garanzija għal assistenza finanzjarja lill-Istati Membri u l-Ukrajna) jiġu mobilizzati lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP.

L-ammont mobilizzat ma jistax jirriżulta f'li jinqabżu l-limiti massimi tar-riżorsi proprji. Għaldaqstant, id-dispożizzjoni li testendi l-kopertura baġitarja mill-marġni ta' manuvra għall-garanzija għal assistenza finanzjarja lill-Ukrajna skont ir-Regolament dwar is-Self ta' Appoġġ għall-Ukrajna hija kompatibbli mal-Artikolu 312, il-paragrafi 1 u 3 tat-TFUE, li skonthom il-QFP “*għandu jassigura li l-infiq tal-Unjoni jiżviluppa b'mod ordnat u fil-limiti tar-riżorsi proprji tagħha*”, u “*għandu jstabbilixxi kwalunkwe dispożizzjoni oħra meħtieġa għat-tħaddim tajjeb tal-proċedura annwali tal-baġit*”.

Kapitolu 3 – Strumenti speċjali

Taqsim 1 – Strumenti speċjali tematiki

Artikolu 10c – Strument ta' Self ta' Appoġġ għall-Ukrajna

Dan l-Artikolu l-ġdid huwa introdott biex jipprevedi l-“Instrument ta' Self ta' Appoġġ għall-Ukrajna”, strument speċjali tematiku ġdid.

L-entrati speċifiċi tan-nefqa li għalihom jista' jintuża l-Istrument ta' Self ta' Appoġġ għall-Ukrajna huma l-kostijiet tas-servizz tad-dejn, li jinkludu l-kostijiet tal-finanzjament u l-kostijiet tal-ħruġ u l-ġestjoni tal-likwidità, dovuti fir-rigward tal-fondi mislufa fis-swieq kapitali għal self lill-Ukrajna li għandu jiġi implimentat f'kooperazzjoni msaħħa.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Billi testendi l-mobilizzazzjoni ta' garanzija għall-assistenza finanzjarja lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP lill-Ukrajna għall-assistenza finanzjarja proposta flimkien mal-assistenza finanzjarja lill-Istati Membri tal-UE u lill-Ukrajna taħt l-istrument tal-AMF +, il-Faċilità għall-Ukrajna u l-AMF lill-Ukrajna taħt il-Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni ta' Self għall-Ukrajna, il-proposta se tippermetti użu aktar effiċjenti tar-riżorsi baġitarji taħt il-limiti massimi tal-QFP. Il-possibbiltà li tiġi mobilizzata l-garanzija lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP toffri kopertura sħiħa tal-assistenza finanzjarja disponibbli għall-Ukrajna f'konformità mar-Regolament (UE) XXX/XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fis-snin li ġejjin, f'konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba.

L-istrument speċjali “Strument ta' Self għall-Ukrajna” inkluż f'din il-proposta se jiġi mobilizzat fil-qafas tal-proċedura baġitarja prevista fl-Artikolu 314 tat-TFUE, għall-ammonti stabbiliti f'konformità mal-proċeduri applikabbli stabbiliti fl-atti bażiċi rilevanti. Matul il-perjodu attwali tal-QFP, il-fondi mislufa għall-finanzjament tas-self lill-Ukrajna huma mistennija li jwasslu għal kostijiet tas-servizz tad-dejn, fatturati fl-2027, li l-kopertura tagħhom tista' tirrikjedi l-mobilizzazzjoni tal-istrument speċjali “Strument ta' Self ta' Appoġġ għall-Ukrajna”. Meta jiġi mobilizzat l-Istrument ta' Self ta' Appoġġ għall-Ukrajna fil-qafas tal-proċedura baġitarja annwali, se jiġu kkunsidrati d-disponibbiltajiet baġitarji fi strumenti speċjali oħra, ir-regoli settorjali applikabbli, kwalunkwe obbligu legali jew obbligu ieħor inkluż taħt l-Istrument EURI, il-prijoritajiet, l-ibbaġitjar prudenti u l-ġestjoni finanzjarja tajba.

Peress li n-nefqa fir-rigward tal-istrumenti speċjali tiddaħħal fil-baġit “lil hinn” mil-limiti massimi rilevanti tal-QFP, din il-proposta ma għandhiex impatt fuq il-limiti massimi tal-QFP.

Proposta emendata għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 312 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew⁶,

Filwaqt li jaġixxi f'konformità mal-proċedura leġislattiva speċjali,

Billi:

- (1) Wara l-aggressjoni mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna, l-Unjoni appoġġat lill-Ukrajna b'sensjela ta' miżuri finanzjarji.
- (2) L-Ukrajna ser teħtieġ assistenza finanzjarja u ekonomika kontinwa b'mod prevedibbli, kontinwu, ordnat, flessibbli u f'waqtu li tkopri l-ħtiġijiet ta' finanzjament tagħha b'mod partikolari li jirriżultaw mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja. ~~Għal dak l-għan, l-Unjoni stabbiliet strument ġdid skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Skont dak l-istrument, l-assistenza finanzjarja prevista tiġi pprovduta fil-forma ta' self.~~
- (3) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) XXX⁶ awtorizzat kooperazzjoni msaħħa għall-istabbiliment ta' Self ta' Appoġġ għall-Ukrajna ta' ammont ta' EUR 90 000 000 000. . Skont l-Artikolu 332 TFUE, in-nefqa li tirriżulta mill-implimentazzjoni ta' kooperazzjoni msaħħa għandha titħallas mill-Istati Membri parteċipanti. Il-kostijiet amministrattivi relatati mal-implimentazzjoni ta' kwalunkwe kooperazzjoni msaħħa jenħtieġ li jitħallsu mill-baġit tal-Unjoni.**
- (4) ~~Għal dak il-għan, il-garanzija tal-baġit tal-Unjoni jenħtieġ li tiġi estiża biex tkopri l-assistenza finanzjarja~~ **fil-forma ta' self lill-Ukrajna ta' EUR 90 000 000 000 implimentata f'kooperazzjoni msaħħa** skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Jenħtieġ li dik il-garanzija tiżgura li r-riżorsi meħtieġa jkunu dejjem disponibbli fil-ħin sabiex l-Unjoni tkun tista' tissodisfa l-obbligi finanzjarji kollha tagħha lejn il-kredituri tagħha.
- (5) Jenħtieġ li jkun possibbli li jiġu mobilizzati l-appropriazzjonijiet meħtieġa fil-baġit tal-Unjoni lil hinn mil-limiti massimi tal-qafas finanzjarju pluriennali għal assistenza finanzjarja addizzjonali lill-Ukrajna. Jenħtieġ li dik il-possibbiltà tkun mingħajr

⁶ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2026/... (ĠU L ..., ELI: ...).

preġudizzju għall-obbligu li jiġi rispettata il-limitu massimu tar-riżorsi proprji stabbilit fl-Artikolu 3(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053.

- (6) **Bil-ħsieb li jinġhata appoġġ lill-Ukrajna fuq bażi konċessjonali ħafna, huwa xieraq li jiġi stabbilit strument speċjali tematiku ġdid – “I-Istrument ta’ Self ta’ Appoġġ għall-Ukrajna”, li jippermetti l-finanzjament tal-kostijiet tas-servizz tad-dejn. Il-kostijiet tas-servizz tad-dejn jinkludu** l-ispiża tal-finanzjament u l-ispejjeż tal-ħruġ u l-ġestjoni tal-likwidità, **dovuti fir-rigward tal-fondi mislufa fis-swieg kapitali għal self lill-Ukrajna li għandu jiġi implimentat f’kooperazzjoni msaħħa.** Minħabba li l-kostijiet tas-servizz tad-dejn relatati mas-self lill-Ukrajna huma mistennija li jibdew jiġu fatturati fl-aħħar sena tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027, huwa xieraq li jitqiesu d-disponibbiltajiet baġitarji fi strumenti speċjali oħra filwaqt li jitqiesu r-regoli settorjali applikabbli, kwalunkwe obbligu legali jew obbligu ieħor inkluż skont l-Artikolu 10a tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093,⁷ il-prijoritajiet, l-ibbaġitar prudenti u l-ġestjoni finanzjarja tajba, meta jiġi mobilizzat l-Istrument ta’ Self ta’ Appoġġ għall-Ukrajna fil-qafas tal-proċedura baġitarja.
- (7) Fid-dawl tal-urġenza li tirriżulta mill-ħtiġijiet eċċezzjonali tal-Ukrajna fil-kuntest tal-gwerra ta’ aggressjoni mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja, huwa meqjus xieraq li tiġi invokata l-eċċezzjoni għall-perjodu ta’ tmien ġimgħat prevista fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.
- (8) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 jiġi emendat skont dan.
- (9) Fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna u sabiex tkun tista’ ssir l-applikazzjoni fil-pront tal-miżuri previsti f’dan ir-Regolament, jenħtieġ li dan jidħol fis-seħħ b’urġenza fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 huwa emendat kif ġej:

(1) **L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:**

(a) **fil-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b’dan li ġej:**

“2. Fejn ikun meħtieġ li jintużaw ir-riżorsi mill-istrumenti speċjali previsti fl-Artikoli 8, 9, 10, 10a, 10b, 10c u 12, l-appropriazzjonijiet ta’ impenn u appropriazzjonijiet ta’ pagament li jikkorrispondu magħhom għandhom jiddaħħlu fil-baġit lil hinn mil-limiti massimi rilevanti tal-QFP.”

(b) **fil-paragrafu 3** Fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

⁷ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 2020/2093 tas-17 ta’ Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2021 sa 2027 ([ĠUL 433 L, 22.12.2020, p. 11](https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2020/2093/oj)).

“Fejn ikun meħtieġ li tiġi mobilizzata garanzija għall-assistenza finanzjarja **fil-forma ta’ self** lill-Ukrajna li **għandha tiġi implimentata f’kooperazzjoni msaħħa**-skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u awtorizzata f’konformità mal-Artikolu 223(1) ~~tar~~-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-ammont meħtieġ għandu jiġi mobilizzat lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP.”

(2) **jiddaħħal l-Artikolu 10c li ġej:**

“Artikolu 10c

Strument ta’ Appoġġ għall-Ukrajna

L-Istrument ta’ Self ta’ Appoġġ għall-Ukrajna jista’ jintuża għall-iskop uniku li jiffinanzja l-kostijiet tas-servizz tad-dejn ta’ self lill-Ukrajna li għandu jiġi implimentat f’kooperazzjoni msaħħa. L-Istrument ta’ Self ta’ Appoġġ għall-Ukrajna jista’ jiġi mmobilizzat mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fil-qafas tal-proċedura baġitarja prevista fl-Artikolu 314 TFUE.”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*